**Benhur u Messala tal-ikel**

Indaqqet il-qanpiena
Inġabru lkoll flimkien,
Kulħadd bl-akbar stennija
Ta' kemm se niekol jien.

Issa fil-kamra tfaċċaw
Żewg koppli bis-saqajn,
It-tnejn liebsin kannella
Kemm taw fuq li taw fl-għajn.

L-oħrajn x'ħin rawhom waqfu
Biex jaraw tiġrija,
Li kellha ssir f'minuti
Bla ebda mistħija.

Kif intemmet it-talba
U wasal l-ewwel platt,
'L-wikkiela daru miegħu
Mill-oħrajn ma rah ħadd.

Imbaghad, fil-platt ta' wara
Seħħet ġlieda għall-ħobż,
It-tnejn ħatfu kemm felħu
Il-kannestru sar gozz.

U l-imsejkna tiġieġa
Ma tawiex l-iċken nifs,
It-tnejn malajr ħarbtuha
Kif ġabuha tal-ġibs.

Wara ġiet id-deżerta
U bir-rankatura,
It-tnejn niżlu għaliha
Ma joqogħdux lura.

It-tnejn kielu minn qalbhom
Żaqqhom kibret bla qjies,
Għalihom iss'hemm spazju
Fil-Ġenna ħdejn in-nies.

L-istorja tagħhom ħelwa
Tkellem 'l min jixxala,
Hawn hi t-tiġrija fl-ikel
Bejn Benhur w Messala.

Patri Mario Attard OFM Cap
4 ta' Frar 2025

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.